


L-ISTORJA TAL-UNJONI EWROPEA



MILL-FAĦAM U L-AZZAR GĦAL MUNITA KOMUNI U AKTAR



IT-TIENI GWERRA DINJIJA

Wara t-Tieni Gwerra Dinjija, l-Ewropa kienet imfarrka. Il-gwerra qerdet bliet, toroq u ħafna mill-industrija Ewropea. L-ekonomija Ewropea kienet fi stat diżastruż. Il-gwerra kienet devastanti anke fuq skala umana: 55 miljun persuna fid-dinja nqatlu, 35 miljun indarbu u 190 miljun ħarbu minn djarhom. L-għajta għall-paċi dwiet aktar minn qatt qabel.



MILL-FAĦAM U L-AZZAR GĦAL MUNITA KOMUNI U AKTAR

1950

1955

1960


1965

1970

9/5
1950

1950: DIKJARAZZJONI TA' SCHUMAN

Fid-9 ta' Mejju 1950, il-Ministru tal-Affarijiet Barranin Franċiż, Robert Schuman, indirizza konferenza tal-aħbarijiet. Huwa stieden lill-pajjiżi Ewropej l-oħra jiġbru r-riżorsi tal-faħam u tal-azzar tagħhom flimkien. Peress li l-faħam u l-azzar huma komponenti neċessarji għall-produzzjoni tal-armi, it-tama tiegħu kienet li b'din il-kooperazzjoni jkun impossibbli li terġa' tingala' gwerra oħra. Barra minn hekk, il-faħam u l-azzar kienu importanti ħafna biex il-kontinent jerġa' jinbena mill-ġdid wara l-gwerra.



DIKJARAZZJONI TA' SCHUMAN © European Communities, 1950

MILL-FAĦAM U L-AZZAR GĦAL MUNITA KOMUNI U AKTAR

1950

1955

1960

1965

1970

1951

1951: TRATTAT LI JISTABBILIXXI L-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠJA ATOMIKA

Franza, il-Ġermanja (tal-Punent), l-Italja, il-Belġju, in-Netherlands u l-Lussemburgu kellhom reazzjoni pożittiva għad-dikjarazzjoni ta' Robert Schuman. Fl-1951, dawn is-sitt pajjiżi ffirmaw it-Trattat ta' Pariġi. Il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (KEFA) daħlet fis-seħħ fl-1952.



MILL-FAĦAM U L-AZZAR GĦAL MUNITA KOMUNI U AKTAR

1950

1955

1960

1965

1970

1957

1957: TRATTATI TA' RUMA: TRATTATI KEE U EURATOM

L-ewwel sitt pajjiżi riedu integrazzjoni ekonomika saħnsitra aktar b'saħħitha. Għalhekk, fl-1957 iffirmaw żewġ trattati ġodda: it-trattat KEE u t-trattat Euratom, magħrufa wkoll bħala t-Trattati ta' Ruma.

- **Komunità Ekonomika Ewropea (KEE):** Il-pajjiżi qablu li f'tit f'tit jittrasformaw l-ekonomiji separati tagħhom f'suq komuni, l-ewwel permezz ta' unjoni doganali. Dan it-trattat immarka l-bidu tal-kooperazzjoni fl-agrikoltura, is-sajd, il-politika portwali u l-politika tat-trasport.
- **Euratom:** L-għan ta' din il-kooperazzjoni kien li ssir riċerka konġunta dwar il-possibbiltà li l-enerġija nukleari tintuża fil-kamp ċivili.

It-Trattati ta' Ruma daħlu fis-seħħ fl-1958.



Ritratt: L-iffirmar tat-Trattati ta' Ruma. © AP 1957 – Source EC Audiovisual Service

MILL-FAĦAM U L-AZZAR GĦAL MUNITA KOMUNI U AKTAR

1975

1980

1985

1990

1995

1979


1979: L-EWWEL ELEZZJONIJIET DIRETTI TAL-PARLAMENT EWROPEW

Iċ-ċittadini tal-Komunitajiet Ewropej eleġġew direttament lir-rappreżentanti tagħhom fil-Parlament Ewropew għall-ewwel darba f'Ġunju 1979. Dak iż-żmien kien hemm disa' pajjiżi, li flimkien eleġġew 410 membri tal-Parlament għall-perjodu 1979-1984.



L-uffiċċju tal-votazzjoni fl-elezzjonijiet Ewropej, il-Belġju © European Communities, 1957

MILL-FAĦAM U L-AZZAR GĦAL MUNITA KOMUNI U AKTAR



1986: L-ATT UNIKU EWROPEW

Tletin sena wara li l-pajjiżi kienu ddeċidew li joħolqu suq uniku (it-Trattati ta' Ruma), dan kien għadu ma sarx realtà. Permezz tal-Att Uniku Ewropew, l-Istati Membri ddeċidew li l-ostakli kollha għall-kummerċ u l-moviment liberu kellhom jitneħħew (għe ffirmat fl-1986 u daħal fis-seħħ fl-1987).

1993: FRUNTIERI MIFTUĦA

Fl-1 ta' Jannar 1993 il-fruntieri interni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea "sparixxew". Kien daħal fis-seħħ is-Suq Uniku, bil-moviment liberu tal-persuni, il-prodotti, is-servizzi u l-kapital.



MILL-FAĦAM U L-AZZAR GĦAL MUNITA KOMUNI U AKTAR

1975

1980

1985

1990

1995

1992

1992: TRATTAT DWAR L-UNJONI EWROPEA – TRATTAT TA' MAASTRICHT

It-Trattat ta' Maastricht immarka l-bidu veru tal-kooperazzjoni fuq livell politiku, pari passu mal-integrazzjoni ekonomika eżistenti.

Il-Komunitajiet Ewropej ingħatalhom isem ġdid: l-Unjoni Ewropea. L-Unjoni Ewropea "l-ġdida" kienet tikkonsisti fi tliet pilastri ewlenin:

1. **Integrazzjoni ekonomika:** L-Istati Membri ddeċidew li jsaħħu l-integrazzjoni ekonomika u joħolqu munita Ewropea komuni: l-euro.
2. Kooperazzjoni fi kwistjonijiet ta' **politika barranija u sigurtà.**
3. Kooperazzjoni fi kwistjonijiet ta' **affarijiet interni u ġustizzja.**

Dan it-trattat ġie ffirmat fl-1992 u daħal fis-seħħ fl-1993.



MILL-FAĦAM U L-AZZAR GĦAL MUNITA KOMUNI U AKTAR

2000

2005

2010

2015

2020


2002

2002: INTRODUZZJONI TAL-EURO

L-euro ġie introdott fis-sistema bankarja fl-1999. Iżda kien biss fl-1 ta' Jannar 2002 li n-nies bdew jużaw il-muniti u l-karti tal-euro.



MILL-FAĦAM U L-AZZAR GĦAL MUNITA KOMUNI U AKTAR



1997: TRATTAT TA' AMSTERDAM

Bil-prospett tat-tkabbir tal-UE lejn l-Ewropa tal-Lvant, l-UE kellha bżonn tkun lesta għal żieda sinifikanti fl-għadd ta' Stati Membri. Qabelxejn, kien hemm bżonn riforma tal-proċess li bih jittieħdu d-deċiżjonijiet: inqas deċiżjonijiet ibbażati fuq l-unanimità u aktar deċiżjonijiet ibbażati fuq votazzjoni b'maġġoranza. L-ewwel tentattiv ta' bidla kien it-Trattat ta' Amsterdam (iffirmat fl-1997, fis-seħħ fl-1999). Madankollu, dan it-trattat ma laħaqx l-aspettattivi.

2001: TRATTAT TA' NIZZA

Id-data tas-sħubija tal-pajjiżi l-ġodda bdiet toqrob, u allura f'Nizza sar tentattiv ieħor ta' riforma tal-Unjoni Ewropea (iffirmat fl-2001, fis-seħħ fl-2003). Lanqas dan ma rnexxielu jħaffef il-mod kif jittieħdu d-deċiżjonijiet.

2004-2005: IL-KOSTITUZZJONI EWROPEA

Wara ż-żewġ tentattivi li fallaw, f'Ġunju 2004 sar it-tielet tentattiv ta' riforma tal-UE permezz tal-Kostituzzjoni Ewropea. "Minħabba li kull trattat ġdid tal-UE għandu jiġi approvat minn kull Stat Membru, il- "kostituzzjoni" ma setatx tiġi adottata".

Il-popli ta' Franza u n-Netherlands ivvutaw kontra din il- "Kostituzzjoni għall-Ewropa" l-ġdida.

Minħabba li kull trattat ġdid tal-UE għandu jiġi approvat minn kull Stat Membru, id-deċiżjoni tagħhom wasslet biex tiġi abbandunata l- "kostituzzjoni".



Il-ħajja ta' kuljum b'kartelluni għar-referendum dwar il-Kostituzzjoni Ewropea fi Franza © European Communities, 2005

MILL-FAĦAM U L-AZZAR GĦAL MUNITA KOMUNI U AKTAR

2000

2005

2007

2010

2015

2020

2007: TRATTAT TA' LISBONA

It-Trattat ta' Lisbona rnexxielu jibdel il-funzjonament tal-istituzzjonijiet tal-UE. It-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livell tal-UE sar aktar faċli. Ir-regoli l-ġodda daħlu fis-seħħ f'Diċembru 2009 u jiddeterminaw kif għadha taħdem illum l-UE.



Fit-13 ta' Diċembru 2007, it-Trattat ta' Lisbona ġie ffirmat mis-27 Stat Membru f'Lisbona © European Communities 2007

MILL-FAĦAM U L-AZZAR GĦAL MUNITA KOMUNI U AKTAR

2000

2005

2010


2015

2020

2012

2012: L-UE TIRBAĦ IL-PREMJU NOBEL GĦAL-PAĊI

Dan il-premju ngħata biex jiġu rikonoxxuti l-isforzi Ewropej għall-paċi, ir-rikonċiljazzjoni, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem.



© European Union, 2012

MILL-FAĦAM U L-AZZAR GĦAL MUNITA KOMUNI U AKTAR

2000

2005

2010

2015

2020

2016

2020

2016: IR-REFERENDUM TAR-RENJU UNIT DWAR IL-ĦRUĠ MILL-UE

Fit-23 ta' Ġunju 2016, il-biċċa l-kbira ta' ċittadini Brittaniċi u xi residenti oħra fir-Renju Unit ġew mitluba jirrispondu din il-mistoqsija: "Ir-Renju Unit għandu jibqa' membru tal-Unjoni Ewropea jew joħroġ mill-Unjoni Ewropea?". 51.9 % ivvutaw biex joħroġu, 48.1 % ivvutaw biex jibqgħu, u dan wassal biex jibdew in-negozjati dwar il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, bħala l-ewwel pajjiż li qatt irtira.

2020: IR-RENJU UNIT UFFIĊJALMENT JOĦROĠ MILL-UE

Ir-Renju Unit uffiċjalment ħareġ mill-Unjoni Ewropea fil-31 ta' Jannar 2020, wara tliet snin ta' negozjati.

Referendum on the United Kingdom's membership of the European Union

Vote only once by putting a cross ☒ in the box next to your choice

Should the United Kingdom remain a member of the European Union or leave the European Union?

Remain a member of the European Union

☐

Leave the European Union

☐

Il-karta tal-vot tar-referendum tal-Brexit tat-23 ta' Ġunju 2016.


MILL-FAĦAM U L-AZZAR GĦAL MUNITA KOMUNI U AKTAR

2010

2015

2020

Il-futur?



L-ISTORJA TAL-UNJONI EWROPEA

Din il-preżentazzjoni tagħmel parti mill-għodda edukattiva EUROPE@SCHOOL – lezzjonijiet attivi dwar l-Unjoni Ewropea.
© European Parliament 2020

